

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ottubru 2007 — Strack vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-392/07)**

(2007/C 297/93)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Guido Strack (Il-Kolonja, Il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, adottati effettivament jew fuq il-bażi tar-rifjut impliċitu previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, fil-kuntest ta' l-ipproċessar tat-talba tar-rikorrent ta' l-20 ta' Ġunju 2007, intiża sabiex jikseb aċċess għad-dokumenti, u tat-talba konfermattiva tiegħu tat-23 ta' Lulju 2007, sussidjarja għat-talbiet konfermattivi tal-15 ta' Awwissu 2007;
- tordna l-Kummissjoni tikkumpensa f'miżura adegwata d-danni morali subiti mir-rikorrent f'okkażjoni ta' l-ipproċessar

tat-talba tiegħu, billi tirrikonoxxi ta' l-inqas kumpens simboliku ekwivalenti għal 1 EUR;

— tikkundanna l-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrent talab minn naħa l-aċċess għal ċerti dokumenti fil-kuntest tat-talbiet konfermattivi ta' aċċess għad-dokumenti fis-sens tar-Regolament Nru 1049/2001 <sup>(1)</sup>, miċħuda totalment jew parzjalment mill-Kummissjoni, u minn naħa l-oħra l-aċċess għal dokumenti relattivi għall-kawża T-110/04. Ġie miċħud l-aċċess għal tali dokumenti jew mogħti tardivament fir-rigward tat-termini imperattivi previsti.

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-ksur, minn naħa tal-konvenuta, ta' l-Artikolu 255 KE, u kif ukoll ta' l-Artikoli 2(1), 4, 6 *et seq* tar-Regolament Nru 1049/2001. Ir-rikorrent jilmenta wkoll, b'mod partikolari, il-ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u kif ukoll ta' l-Artikoli 41 u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

---

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, paġina 43).